KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ħamis 20 ta' Mejju, 2004 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 2 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Summer Club and Family Literacy Programme.
(5) Librerija u Servizzi Ġodda.
(6) Kuntratt Vanessa Sammu (Part-time)
Kuntratt Accountant - Romina Perici Ferrante.
(7) Xiri ta' Computers.
(8) Computer Courses.
(9) Mappa Turistika tal-Kottonera.
(10) Riżoluzzjonijiet.
(11) Newsletter.
(12) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li x-xogħol tal-Kunsill kien ser jibqa' sas-7.30pm fejn wara jsir aġġornament tal-laqgħa jekk ix-xogħol li hemm fuq l-Aġenda ma' jkunx sar.

## 35 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Għalkemm dawn il-Minuti kienu tqassmu minn qabel sar qbil li dawn il-Minuti jinqraw.

35(1).1 Ġew imressqa l-Minuti ta' laqgħa Numru 33 u saru dawn il-korrezzjonijiet :

35(1).2 Paġna 3 item 33(2)10 "Aluminium"

Paġna 7 item 04/0543/04/I wara l-kelma 30 t'April, 2004 jiġi miżjud dan il-kliem " u 29 ta' Mejju, 2004, liema waħda li ġiet approvata".

Paġna 7 item 04/0613/04/I wara l-kelma biss jiżdied il-kliem "fuq l-istess kriterji bħal ta' Bormla".

Paġna 7 item 04/0627/04/I wara l-kliem 8 t'April, 2004 "Il-Kunsillier Charmaine Gerada ġibdet l-attenzjoni, li ma' kinitx infurmata b'din l-istedina".

Paġna 8 item 04/0709/04/I
Dan il-paragrafu jinqata' barra totalment.

Paġna 11 item 33(6)2 LES - Gwardjani Lokali
Korrezzjoni tal-kelma Kunsill.

Paġna 12 paragrafu 33 (9) 1 wara l-kelma li jmiss tiżdied din is-sentenza "saret proposta mill-Kunsillier Charmaine Gerada biex din il-website titlesta sal-ftuħ tal-librerija pubblika".

Paġna 14 paragrafu 33 (4) 6 wara l-kelma ta' l-Isla jiżdid dan il-kliem "għal Lejla Maltija James Confectionery offra żewġ għażliet (L1.25 / Lm 1.75) bil-ġelat. Kien hemm qbil li jinżamm prezz wieħed għal kulħadd dak ta'
Lm 1.75".

Paġna 14 paragrafu 33 (4) 9 wara l-kelma politiku jiżdied dan li ġej " u b'hekk ser tinħoloq firda fil-lokal".

35(1).3 Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva unanimament li l-Minuti ta' laqgħa numru 33 hekk kif korretti.

35(1).4 Tressqu l-Minuti tal-laqgħa Numru 34. Dawn ġew moqrija u saru dawn il-korrezzjonijiet :

35(1). 5 <u>Paġna 1</u> qabel l-items fuq l-Aġenda jidħol dan il-kliem : "Is-Sindku qal li għandu jitniżżel fil-Minuti li din il-laqgħa qed issir wara li sar kontro mandat ta' inibizzjoni mis-Sindku u li l-Qorti ċaħdet it-talba tat-28 t'April, 2004 kif imressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada biex ma' ssirx il-laqgħa tal-Kunsill kif kienet ippjanata."

Paġna 2 paragrafu 7 wara l-kelma għażliet jiżdied dan li ġej "kopja mehmuża".

Paġna 3 item 34 (4) taħt il- "Programm Jum l-Isla" jidħol dan li ġej :
"Is-Sindku beda biex ta spjegazzjoni x'kienet ir-raġuni li wasal għall-konklużjoni li jikteb lill-Kunsillieri fit-23 t'April, 2004."

Paġna 3 paragrafu flok " talbet spjegazzjoni" tiġi korretta għal "għamlet oġġezzjoni."

Paġna 3 paragrafu 7 tinbidel il-kelma "talbet" u tidħol il-kelma "għamlet".

Paġna 3 paragrafu 9 wara l-kliem " issir filgħodu" jiżdied dan il-kliem : "Is-Sindku pprenżenta dikjarazzjoni ffirmata mill-erba' Kunsillieri dwar dak li ġie miftiehem dwar il-laqgħat tal-Kunsill wara li kien ġie mitlub mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali (Kopja mehmuża)".

Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li din id-dikjarazzjoni mhix iffirmata minnha.

Paġna 6 paragrafu 1 jinqata l-kliem minn "reġa' sa qalulu" u jidħol dan il-kliem " u qal li waqt li kien il-Każin huma wrew il-ħsieb".
Wara l-kelma soċjeta' jiġi miżjud dan li ġej " u s-Sindku aċċetta din il-proposta".

Paġna 6 paragrafu 4 wara il-kelma "risposta" jiżdied dan li ġej "fil-laqgħa tal-Kunsill 3 ta' Mejju, 2004".

Paġna 6 paragrafu 7 tinqata' l-kelma "dawn" wara l-kelma "tiegħu" jiżdied dan li ġej "Is-Sindku qal li huma talbu Lm 200 kollox inkluż imma kellhom jitkellmu bejniethom u jerġu jinfurmawh".

Paġna 7 paragrafu 6 "ittra" flok "ċittra".

Paġna 7 paragrafu 8 wara l-kelma speċjali jiżdied dan li ġej "Skeda 23.1.2".

Paġna 10 paragrafu 1 wara l-kliem "kien diġa' ntqal" jiżdied dan li ġej " skond il-kodiċi ta' l-etika, kummenti fil-pubbliku u kuntatti mal-media (9.1 + 9.2).

35 (1). 6 Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet, fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva unanimament il-minuti hekk kif ġew korretti.

Aġġornament

Fis-7.30pm is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 24 ta' Mejju, 2004 fil-5.30pm.

Il-Kunsillier Mario Mizzi ma' qabilx mal-ħin ta' l-aġġornament minħabba li fil-għaxijiet ma' jkunx jista' u l-ftehim kien li l-laqgħat tal-Kunsill kellhom isiru filgħaodu u filgħaxija alternament. Għalhekk il-laqgħa li kien imiss għandha ssir filgħodu.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li la l-eweel laqgħa saret filgħaxija l-aġġornament jitkompla filgħaxija, fejn deher li l-Membri l-oħra kienu ta' l-istess fehma.

Il-Kunsillier Mario Mizzi ma' qabilx ma' din l-atitudni u bħala protesta telaq il-barra (7.05pm) filwaqt li nforma lill-Kunsill li ma' kienx ser jattendi għaliex ma' kienx jista' minħabba impenji oħra li għandhu f'dak il-ħin.

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar it-Tnejn 24 ta' Mejju, 2004 fil-5.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier (5.30pm sad-8.45pm) |
| Skużat : | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

## 35 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u l-ħidma li saret bejn ...

*35.(2).1 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ( 14 /04/04 )*

Is-Sindku attenda għal-laqgħa ta' dan il-Kumitat fejn ġew diskussi proġetti li ser ikunu ta' ġid kbir għar-residenti tal-Kottonera.

*35.(2).2 Laqgħa mas-Supretendent Patrick Spiteri ( 15 / 04 / 04 )*

F'din il-laqgħa li saret fil-Kunsill, kienu preżenti wkoll l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gwardjani Lokali. Ġew diskussi r-relazzjoniji bejn il-Gwardjani Lokali u l-Pulizija, il-logħob tat-tfal bil-

ballun fi Pjazza J. B. Azopardo u romnda mill-Pulizija f'ċertu ħinijiet u f'ċertu postijiet għal aktar sigurta' fil-lokal.

*35.(2).3 Ħatra ta' Chairperson Kumitat Konġunt LES ( 20 / 04 / 04 )*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal din il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt LES fejn is-Sur Anthony Valvo ġie maħtur bħala Chairperson tal-Kumitat Konġunt LES wara li s-Sur Anthony Degiovanni rreżenja minn din il-Kariga. Ġiet diskussa l-problema tal-Gwardjani Lokali fil-lokal.

*35.(2).4 Pjanta Turistika tal-Kottonera ( 25 / 04 / 04)*

F'laqgħa tas-Sindki tal-Kottonera li saret fil-Kunsill Lokali Kalkara ġew diskussi l-ispejjeż u d-disinjar ta' din il-pjanta turistika tal-Kottonera.

*35(2).5 ADT - Laqgħa fil-Kunsill ( 27/ 04 /04 )*

Saret laqgħa fil-bini tal-Kunsill mas-Sur Tony Agius (Liaison Officer għal Kunsilli) dwar il-problema li dan il-Kunsill qed ikollu fil-Bus Terminus, Traffic Flow fi Triq Iż-Żewġ Mini u t-tqegħid ta' sleeping policemen fl-art.

Is-Sur Agius kellhu jinforma lill-Kunsill dwar il-passi li ser jittieħdu. Preżenti għal din il-laqgħa kienu s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit.

*35.(2).6 Ħsarat fil-Moll tax-Xatt ( 27 / 04 / 04 )*

Saret laqgħa fi Project House mal-Perit Grixti Soler dwar il-ħsarat konsiderevoli li ġarrab il-moll fix-Xatt ta' l-Isla f'Diċembru, 2003 u li s'issa għadu ma' sar xejn dwaru mill-Gvern Ċentrali.

F'din il-laqgħa fejn kien preżenti s-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit flimkien mal-Perit Grixti Soler (Dipt. Tar-Rikostruzzjoni u Manutenzjoni) wiegħed lill-Kunsill li x-xogħol fuq dan il-moll ser jidba fl-24 ta' Mejju, 2004.

Minkejja din il-wegħda x-xogħol baqa' ma' sarx. (Ara rapport qasir mehmuż mis-Sindku Joseph Casha).

*35.(2).7 Kumitat Konġunt tal-Kottonera ( 29 / 04 / 04)*

Saret laqgħa mad-Diretturi tal-Lombard Bank fejn ġew espressi l-ħsibijiet u għanijiet ta' dan il-Kumitat qed jipprepara biex jilqa' għall-problemi l-aktar dawk komuni fil-Kottonera.

*35.(2).8 Kumitat Konġunt tal-Kottonera ( 07/ 05 / 04)*

Dan il-Kumitat kellu laqgħa mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor. Louis Galea fejn ġew diskussi l-ħidma li dan il-Kumitat jixtieq jara li jsir dwar l-illitteriżmu fil-Kottonera.

Il-Ministru ġie ppreżentat rapport dwar dan. Il-Ministru Louis Galea faħħar l-inizjattiva li qed jieħdu l-erba' Sindki tal-Kottonera. Huwa rringrazzja b'mod speċjali lill-Kunsill Lokali ta' l-Isla u lill-ġenituri li applikaw bi ħġarhom biex tellgħu b'suċċess Summer Club u Literacy Course bejn Lulju u Awissu ta' l-2003 bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali Isla.

*35(2).9 Kumitat Konġunt tal-Kottonera ( 11 / 05 / 04 )*

Saret laqgħa mal-Kavallier John Edward Critien fil-Forti Sant'Anġlu fejn ġew diskussi l-qagħda soċjali fil-Kottonera. Huwa laqa' bil-qalb l-istedina tas-Sindku biex iżur il-lokalita' ta' l-Isla.

*35.(2).10 Kors tal-Ġenituri fl-Isla ( 11 / 05 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden għal-laqgħa li saret mill-ġenituri bħala preparazzjoni għall-Kors tal-Malti u Matematika. Attendance mas-60 ġenitur. Is-Sindku ndirizza lil dawk preżenti.

*35.(2).11 Summer Club u Litaracy Kors ( 11 / 05 / 04 )*

Saret laqgħa fil-bini tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi fl-Imtarfa fejn kienu preżenti Nora Macelli CEO, Sandro Spiteri, Victor Galea, Miriam Sammut, Joseph Casha s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Ġie diskuss l-andament tas-sena l-oħra ta' dan il-proġett u kif jista' jsir aħjar għal din is-sena. Sar qbil li dan il-proġett jerġa jittella' flimkien bejn l-FES u l-Kunsill Lokali Isla.

Sar qbil li l-Contact persons ikunu Victor Galea għall-FES u s-Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Isla. Għandha ssir talba formali mill-Kunsill lill-FES biex dan il-proġett jerġa jsir bejn Lulju u Awissu, 2004 fuq il-linji li nżammu s-sena ta' qabel.

In-naħa tal-Kunsill ser taħtar Sotto Kumitat magħmul mis-Sindku Joseph Casha, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kordinatur Vanessa Sammut.

*35.(2).12 Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi ( 17/ 05 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki f'Birkirkara fejn ġie diskuss il-ftehim kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. (Ara rapport mehmuż).

*35.(2).13 Żjara tal-British High Commissioner fil-Kunsill ( 19 / 05 / 04 )*

Fuq talba tiegħu stess l-Eċċellenza Tiegħu Vincent Fean għamel żjara fil-Bini tal-Kunsill fejn ġew diskussi l-edukazzjoni fil-Bini tal-Kottonera u Twinnings ma' bliet Ingliżi. Preżenti kienu s-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Reno Chirkop flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Min-naħa tiegħu l-High Commissioner għamilha ċara li bħala Kummissjoni m'għandhomx il-fondi biex jissussidjaw Twinnings. Dan irid isir mill-Kunsill stess. Huwa jista' jgħin billi jagħddi tagħrif minn fejn jistgħu jiġu dawn il-fondi kif ukoll lesti li jorganiżżaw laqgħa soċjali biex isiru dawn il-kuntatti.

Dwar l-Edukazzjoni l-Eċċellenza Tiegħu Vincent Fean ikun lest li jgħin finanzjarjament jekk isiru proġetti kolletivi bejn il-bliet tal-Kottonera għat-tkabbir ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura.

*35.(2).14 Bini - Dockyard Terrace*

Jidher li d-drenaġġ f'dan il-bini qiegħed ikun imblukkat ta' spiss. Il-Kunsill informa lir-residenti li l-Kunsill ma' jistgħax jibqa' jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti (kopja mehmuża).

Min-naħa l-oħra s-Sindku ċempellill-Principal Health Inspector f'Raħal Ġdid kif ukoll lid-Dipartiment tat-Tiswija u Manutenzjoni tad-Djar biex isir magħruf x'jista jsir għaliex jista' jkun hemm il-katusi dojoq għall-ammont ta' residenti f'dan il-bini.

Is-Sindku qal li minkejja dawn l-inizjattivi li qed jieħu l-Kunsill dejjem tibqa responsabbilta' ta' l-inkwilini li jaraw li dan l-Iżblokk isir għas-spejjeż tagħhom.

Għalhekk l-aħjar ħaġa tkun li din il-problema tinġieb quddiem id-Direttur tal-Housing permezz ta' ittra. B'kopja lir-residenti u kopja lill-Ministru Dolores Cristina.

*35.(2).15 Delegazzjoni minn Stadt Hamm - Ġermanja*

Bejn l-1 u t-3 ta' Ġunju, 2004 delegazzjoni ta' tnejn min-nies mill-Muniċipalita ta' Stadt Hamm fil-Ġermanja ser Iżżur il-lokal ta' l-Isla biex tiddiskuti mal-Kunsill proġett ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fi proġetti bi sħab bejn ħames pajjiżi li huma l-Ġermanja, Malta l-Ingilterra, Awstrija u Polonja. Dan il-proġett ser ikun jismu "Youth Participation Through Network of Projects" u se jkun iffinanzjat mill-Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Is-Sindku qal li dan huwa proġett ta' sentejn li jekk jirnexxi jkun ta' ħafna ġid għaż-żgħażagħ tagħna fil-lokal.

Fil-jiem li ġejjin ser isiru diskussjonijiet ma' diversi organiżazzjonijiet ta' żgħażagħ fil-lokal biex jieħdu sehem f'dan il-proġett.

*35.(2).16* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-5 t'April u s-17 ta' Mejju 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/027/04/I* *Mwejjed Pjazza Juan B. Azopardo*

Talba mis-Senglea Gunners F. C. biex jarmaw numru ta' mwejjed fi Pjazza J. B. Azopardo għaż-żmien tas-Sjaf u jieħu ħsieb il-latrini li hemm fil-post.

Il-Kunsill m'għandhux oġġezzjoni sakemm ikun huma japplikaw għall-permessi kif titlob il-Liġi.

*04/0767/04/I* *"Gateway - The Way Forward"*

Konferma ta' l-applikazzjoni ta' dan il-proġett li l-Kunsill Lokali ressaq għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja.

*04/0786/04/I* *Display tal-Bnadar*

Ċirkulari ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirk/AKL 14/2004 dwar ir-rgoli ta' kif għandhom jiġu esposti l-bnadar ta' Malta u dik ta' l-Unjoni Ewropeja fuq bini pubbliku.

*04/0787/04/I* *Triq San Pietru u San Pawl*

Konferma ta' l-applikazzjoni lill-Awtorita Dwar It-Trasport għax-xogħol li qiegħed isir fi Triq San Pietru u San Pawl.

*04/0801/04/I* *Skema ta' Saħħa (Kunsillieri)*
*04/1080/04/I*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għada ssostni li din l-iskema għandha tibqa kif inhi fil-preżent. Minkejja dak li qed jgħid id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

F'ċirkulari urġenti d-Direttur għall-Gvern Lokali saħaq li din l-iskema hija llegali u mhux konfermata mill-Awditur Ġenerali.

Il-Kunsill qabel li jmexxi mad-deċiżjoni ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
u tiġi mġedda mill-1 ta' Lulju, 2004 (04/115/04/I).

*04/0831/04/I* *Kiri ta' Ġnien il-Gardjola*

Ittra mid-Direttur ta' l-Artijiet, is-Sur Albert Mamo biex jiċċara dak li ġara wara li l-Kunsill oġġezzjona għall-kiri ta' Ġnien il-Gardjola (30 t'April, 2004) lil terzi persuni mingħajr il-kunsens tal-Kunsill.

*04/0881/04/I* *Senglea Regatta Club*

Talba biex din l-Għaqda tagħmel bar bix-xorb u bl-ikel fi Ġnien il-Gardjola nhar il-Ġimgħa 30 t'April, 2004 u nhar is-Sibt 8 u nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju, 2004.

*04/0896/04/I* *Kummissjoni Ambjent (Kunsill Pastorali Djoċesan)*

Stedina lill-Kunsill biex jipparteċipa fil-Konferenza Nazzjonali mill-21 sat-23 t'April, 2004 fil Grand Hotel Mercure San Antonio.

*04/0918/04/I* *Talba għal Xogħol Part Time*

Il-Kunsill kellu talba biex il-kuntratt għal servizzi klerikali li għandu l-Kunsill u li jiġi fi tmiemu fit-30 ta' Mejju, 2004 jinbidel għal bażi part time.

*04/0926/04/I* *MEPA - Applikazzjoni, Triq il-Ħabs l-Antik, Isla*

L-Awtorita ta' l-Ambjent u l-Ippjanar għarrfet lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal dan ix-xogħol ntbagħtet quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni B'Diżabilita'.

*04/0964/04/I* *Għaqda Festi Esterni*

Din l-Għaqda nfurmat lill-Kunsill li huma kienu lesti li jaħdmu l-Lejla Maltija ta' nhar is-Sibr 8 ta' Mejju, 2004 għal prezz ta' Lm 2.00 kull platt.

*04/0981/04/I* *Aġenzija Aċċess*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jieħu sehem għal seminar u Family Fair li din l-aġenzija kienet ser torganiżża bejn it-28 u d-29 ta' Mejju, 2004.

*04/0994/04/I* *Ċirkulari 10/2004*

Il-Kunsill wieġeb din lċ-ċirkulari li kienet dwar mistoqsijiet parlamentari dwar self u ordnijiet ta' kotba fil-Librerija Lokali fis-snin li għaddew.

*04/1019/04/I* *Ħaddiema ta' l-IPSL*

Id-Direttur tal-Kunsilli Lokali ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar il-ħinijiet normali tax-xogħol li jridu jaħdmu dawn il-ħaddiema (Memo 34/2003).

*04/1031/04/I* *Nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kkonferma li d-deċiżjoni tal-Kunsill meħuda fit-12 ta' Frar, 1999 għadha sseħħ u titqies bħala valida.

*04/1046/04/I* *Mistoqsija Parlamentari dwar il-Moll tax-Xatt*

Il-Ministru Ċensu Galea wieġeb il-Mistoqsija Parlamentari mressqa mill-Onor. Chris Agius dwar il-qagħda u l-bidu tax-xogħol għall-ħsarat li kien ġarrab dan il-moll.

*04/1054/04/I* *Mappa Turistika tal-Kottonera*

Kopji ta' l-ittri li l-erba' Sindki tal-Kottonera bagħtu liċ-Chairman ta' l-Awtorita Maltija għat-Turiżmu dwar il-formazzjoni ta' din il-mappa.

*04/1089/04/I* *Linji Bojod*

Saret talba minn resident fi Triq San Ġużepp għal-linja bajda quddiem il-bieb tiegħu għaliex qed jagħlqulu l-entratura.

*04/1093/04/I* *Konferma fil-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Il-Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura kkonferma lis-Sindku Joseph Casha bħala membru fuq il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*04/1100/04/I* *Laqgħa ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali*

Tagħrif dwar laqgħa li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-Sindki u l-Viċi Sindki (17 t'April, 2004) dwar il-ftehim kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi u l-iskema tas-Saħħa.

*04/1102/04/I* *Seminar - Aċċess*

Il-Kunsill kien mistieden għal seminar bit-tema "Il-ħidma ta' l-Aċċess u X'ġie Mwettaq".

*04/1121/04/I* *Rinunzja tal-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Saret talba mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex tiġi rilaxxata minnufih minn dan id-dover.

Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel jieħu deċiżjoni jerġa jkellimha.

*04/1123/04/I* *Talba għal-linji sofor*

Il-Kunsill irċieva talba minn resident għal quddiem il-garage tiegħu fi Triq San Ġużepp.

Din it-talba ġiet milqugħa mill-Kunsill.

*04/1146/04/I* *Kottonera Regeneration Project*

Il-Kunsill ġie mgħarraf bil-laqgħat u bil-ħidma li qed issir biex jittieħdu inizjattivi għall-ġid tal-Kultura.

*04/1163/04/I* *Kottonera Festival*

L-Awtorita Maltija għat-Turiżmu infurmat lill-Kunsill bl-attivitajiet li bi ħsiebha torganiżża flimkien mal-Kunsilli ta' l-ibliet storiċi bit-tema "Malta Historical Cities Festival".

*04/1180/04/I* *Talba għal Big Screen*

Talba għal Big Screen quddiem il-Conquest Pub għal perjodu qasir ta' żmien. Il-Kunsill m'għandhux oġġezzjoni għal din it-talba sakemm jinħarġu l-permessi meħtieġa skond il-Liġi.

## 35 (3) Mistoqsijiet

Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet mill-Membri tal-Kunsill ix-xogħol ta' l-Aġenda għadda għal item 4 fuq l-Aġenda.

## 35 (4) Summer Club and Family Literacy Programme

Wara l-laqgħa li seħħet fil-Bini tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (ara minuti 35(2).11) saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex jiġi stabbilit kif dan il-proġett ser jitħaddem.

*35.(4).1* Preżenti għal din il-laqgħa, Joseph Casha s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sinjuri Victor Galea u Sandro Spiteri mill-FES.

*35.(4).2* Sar qbil li dan il-proġett jiġi mifrux fuq 6 ġimgħat bejn it-12 ta' Lulju u l-20 t'Awissu, 2004. Jekk ikun hemm ħafna konkorrenza isiru żewġ gruppi jiġifieri : It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u
It-Tlieta, l-Ħamis u l-Ġimgħa.

Il-prezz ser ikun ta' Lm 3.00 kull tifel/tifla.

Is-Sotto Kumitat ser ikun immexxi mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv waqt li Kordinatur tkun Vanessa Sammut.

Mehmuż minuti tal-laqgħa li saret bid-dettalji għal dak li ġie diskuss.

## 35 (5) Librerija u Servizzi Ġodda

Minħabba t-talba li qed ikun hemm għas-self ta' kotba mil-Librerija l-Kunsill qabel li bħala miżura temporanja jifrex il-ħinijiet tal-ftuħ fuq aktar ġranet mingħajr ma' jżied spejjeż ġodda.

*35.(5).1* Għaldaqstant sar qbil li l-librerija tibda tiftaħ sagħtejn kull jum nhar ta' Tnejn bejn l-10.00am u l-12.00pm, nhar t'Erbgħa u l-Ġimgħa bejn l-4.00 u s-6.00pm u nhar ta' Sibt bejn id-9.00am u l-12.00pm.

*35.(5).2* Hekk kif il-Kunsill ikollu aktar staff u apparat ieħor fl-uffiċini, l-Kunsill bi ħsiebu jibda jagħti servizzi oħra mill-uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru.

*35.(5).3* Is-Servizzi ġodda jinkludu l-ħlas tal-kontijiet tat-telefon u permessi tal-cranes u xogħol tat-toroq.

## 35 (6A) Kuntratt Vanessa Sammut (Part-time)

Billi l-kuntratt għas-Servizzi Klerikali li għandu bħal-issa l-Kunsill wasal biex jintemm il-Kunsill stħarreġ din is-sitwazzjoni.

*35.(6A).1* Kien hemm talba mill-persuna fl-istaff tal-Kunsill li xtaqet li tinqaleb għal part-time.

*35.(6A).2* Wara diversi diskussjonijiet u minħabba li l-Kunsill kien qed jara li qabel jieħu deċiżjoni fuq din it-talba irid jistħarreġ alternattiva oħra li tkun vijabbli għalih.

*35.(6A).3* Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jestendi l-Kuntratt Klerikali kif inhu għal xahrejn oħra.

## 35 (6B) Kuntratt Accountant - Romina Perici Ferrante

Il-Kunsill qabel unanimament li jestendi l-kuntratt preżenti ta' l-accountants tal-Kunsill għal sena oħra li tibda minn Ġunju, 2004 sa Mejju, 2005.

***Kif kien mitłiehem fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku ressaq sospensjoni tal-proċeduri biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti item 12 ta' l-Aġenda - Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Annwali (2003 / 2004) qabel l-items l-oħra li kienu fuq l-Aġenda.***

## 35 (12 A) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2003 / 2004

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq da ir-rapport għad-diskussjoni tal-Membri tal-Kunsill.

*35.(12 A).1* Għal din il-laqgħa kienet preżenti l-Accountant tal-Kunsill li fissret u wieġbet għal diversi mistoqsijiet li saru mill-Membri tal-Kunsill Lokali.

*35.(12 A).2* Ġie ssuġġerit li fis-sena Finanzjarja 2004 / 2005 jibdew isiri Monthly Management Reports biex jiggwidaw aktar lill-Membri tal-Kunsill meta jkun ser japprova l-ħlas ta' pagamenti.

*35.(12 A).3* Dan is-suġġeriment ġie aċċettat u ser jibda jitħaddem minn wara Ġunju, 2004 hekk kif jagħlaq l-ewwel Kwart tas-Sena Finanzjarja 2004 / 2005.

## 35 (12 B) Estimi Annwali 2003 / 2004

*35.(12 B).1* Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-Accountant tal-Kunsill ippreżentaw l-Estimi Annwali tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2004/2005. Dan kien ġie diskuss fil-laqgħat ta' qabel tal-Kunsill.

Wara diversi mistoqsijiet u klarifikazzjonijiet mogħtijamill-Accountant u s-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament dawn l-estimi.

## 35 (7) Xiri ta' Computers

Il-Kunsill kellu diversi kwotazzjonijiet għal xiri ta' kompjuters li hemm bżonn li jinxtraw ħalli jaqdi tajjeb ix-xogħol u servizzi li dejjem qed jiżdiedu fl-Uffiċċju tal-Kunsilli Lokali. Dan ukoll minħabba li t-tagħmir li hemm bħal'issa qdim.

*35.(7).1* Mit-tagħrif li kellu quddiemu l-Kunsill jidher li l-aħjar offerta kienet dik ta' Forestals li offra prezz tajjeb u li dan il-ħlas ikun mifrux fuq tlett pagamenti kull allokazzjoni tal-Kunsill.

*35.(7).2* Għaldaqstant tressqet riżoluzzjoni numru 22/04 quddiem il-Kunsill.

*35.(7).3* Wara diskussjoni l-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar ressqu emenda għal din ir-riżoluzzjoni biex ma' jinxtraw aktar minn erba' computers u li l-ammont totali ma' jaqbisx l-Lm2, 000.00 Dan ix-xiri jkun qed ikopri l-bżonnijiet kollha taż-żewġ uffiċini tal-Kunsill.

*35.(7).4* Dan l-ammont huwa skond kif ġie kkwotat fil-Budget 2004 / 2005.

*35.(7).5* Din ir-riżoluzzjoni numru 22/04 ġiet approvata nem. con.

*Nota : Il-Kunsillier Reno Chircop irtira mil-laqgħa tal-Kunsill. Il-ħin kien id-8.45pm.*

## 35 (9) Mappa Turistika tal-Kottonera

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq inizjattiva ta' l-erba' Sindki qed isiru tħejjijiet biex issir Mappa turistika għall-Kottonera flimkien ma' l-Awtorita Maltija għat-Turiżmu.

*35.(9).1* Dan il-bżonn inħass b'riżultat tal-ħidma li qed issir mal-Komutat Konġunt tal-Kottonera.

*35.(9).2* L-ewwel fażi ta' dan il-proġett hemm il-ħtieġa li ssir pjanta tal-Kottonera permezz ta' l-Awtorita ta' l-Ambjent u l-Ippjanar u l-ispiża biex isir dan tlaħħaq madwar Lm 240.

*35.(9).3* Hemm qbil fil-prinċipju l-erba' Sindki ta' l-erba' lokalitajiet biex dawn l-ispejjeż jinqasmu ugwali bejniethom.

*35.(9).4* Għaldaqstant dan il-Kunsill qed iressaq riżoluzzjoni Numru 20/04 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*35.(9).5* Din ir-riżoluzzjoni għaddiet b'żewġ voti favur u wieħed kontra.

*35.(9).6* Il-Kunsillier Charmaine Gerada ddikjarat li fil-prinċipju taqbel mal-proposta pero' mill-mistoqsijiet li għamlet u r-risposti li rċeviet mingħand is-Sindku l-affarijiet mhux ċari ta' min hija din l-inizjattiva u għalhekk għandha dubju ta' kemm dan l-investiment ta' flus ser jirrendi l-quddiem lir-residenti ta' l-Isla. Għalhekk hija vvutat kontra r-riżoluzzjoni numru 20/04.

## 35 (10) Riżoluzzjonijiet

Riżoluzzjonijiet numru 20/04 u 22/04 ġew trattati u approvati aktar qabel fil-laqgħa tal-Kunsill.

*35. (10).1* Riżoluzzjoni numru 21/04 dwar ussidju fuq korsijiet tal-Komputer ġiet miżmuma sakemm isir magħruf kemm ser ikun hemm applikazzjonijiet skond id-domanda u l-eta.

## 35 (11) Newsletter

*35.(11).1* Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill in-Newsletter Numru 2 tal-Kunsill. Din tqassmet lill-Kunsillieri Ġimgħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill għal min irid jagħmel xi kummenti u rakkomandazzjonijiet.

*35.(11).2* Il-Kunsillier Charmaine Gerada pproponiet li n-Newsletter ma' toħroġx għal'issa ħalli hija jkollha ċ-ċans li toħroġ il-verżjoni tagħha fuq dak li ġara fit-8 ta' Mejju, 2004.

*35.(11).3* Billi ma' kienx hemm min jissekondaha, din il-proposta ma' setgħetx tiġi aċċettata.

*35.(11).4* Is-Sindku wieġeb li kellha żmien biżżejjed biex tagħmel dan meta kopja ta' din in-newsletter intbagħtet lill-Kunsillieri kollha ġimgħa qabel l-ewwel laqgħa tal-Kunsill għall-iskrutinju tagħhom. Sa dak inhar tal-laqgħa qatt ma' talbet biex isir rendikont ta' dak li nkiteb fin-Newsletter.

Minħabba li ż-żmien għaddej u l-poplu ta' l-Isla għandu jiġl nfurmat b'dak li qed jagħmel il-Kunsill ressaq din in-Newsletter għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*35.(11).5* In-Newsletter ġiet approvata b'żewġ voti favur u wieħed kontra.

*35.(11).6* Il-Kunsillier Charmaine Gerada ddikjarat li minkejja li hi taqbel fil-prinċipju li r-residenti tal-lokali jkunu nfurmati, hija ivvutat kontra peress li s-Sindku ċaħħadha milli tikteb fin-Newsletter il-verżjoni tagħha peress li hemm issue kontroversjali u għaldaqstant hija riedet tagħti l-verżjoni tagħha.

*35.(11).7* Min-naħa tiegħu s-Sindku stqarr li huwa mhux qed jaċċetta t-talba tagħha minħabba li n-Newsletter ma' tistgħax tintbagħat aktar tard.

*35.(11).8* Pero' huwa lest li jagħti l-ispazju lill-Kunsillieri kollha biex fil-ħarġa li ġejja jiktbu fuq dak li jridu.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fid-6.35pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv